8 ta' Marzu 2016

L-Onor Tonio Fenech,
Ic-Chairman - Public Accounts Committee,
Kamra tad-Deputati,
Valletta.

Onor. Fenech,

B' referenza ghall-ittra u affidavit diskussi fil-Kumitat tieghek il-bierah, 7 ta' Marzu 2016, qed gentilment nibghat ghall-attenzjoni tal-Kumitat tieghek kopja ta' affidavit tieghi illi, fost ohrajn jikkonferma diversi punti msemmija fl-imsemmi affidavit.

Fuq quddiem fost dawn, insemmi fost ohrajn:-
1. Illi bl-ebda mod ma' ndhalt lil xi ufficcjal tal-GPD f' dan il-kaz;
2. Illi ma' kont bl-ebda mod involut fil-ghazla tal-Perit Spiteri sabiex jaghmel il-valutazzjonijiet tal-propjetajiet involuti u li tali ghazla saret mill-GPD skond is-soliti proceduri;
3. Illi l-valutazzjonijiet kollha in kwistjoni intalbu u sara skond il-proceduri stabbiliti tad-Dipartiment;
4. Illi bhala fatt dejjem insistejt illi ghandhom dejjem jigu segwiti l-Ligi, u l-proceduri u r-regoli stabbiliti;
5. Illi dejjem shaqt fuq tali tharis tal-ligi, regoli u proceduri, fil-minuti kollha fejn kont involut jiena, kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-imsemmi affidavit;
6. Illi fl-ebda mument ma' mort kontra l-pariri moghtija lilhi, jew b' xi mod indhalt fil-valutazzjonijiet involuti.

Inzid ukoll, kif ghidt fl-istess affidavit, illi jiena ma' kont involut assolutament xejn fil-process kollu marbut ma' dan il-kas u qatt ma' tajt l-ebda indikazzjoni, ordni, jew struzzjoni lil hadd, sabiex dan il-kaz jigi trattat b' xi mod privileggjat.

Inzid ukoll illi fl-ebda moment u fl-ebda okkazjoni ma ndhalt fl-investigazzjoni jew b'xi mod indhalt lil xi xhieda marbuta ma' dan il-kaz. Ghal kuntlarju urejt u ghadni dispost nuri l-koperazzjoni kollha tieghi.

Kopja ta' din l-ittra, flimkien mal-affidavit relevanti tieghi, qed jintbaghat ukoll lill-ufficcju tal-NAO, u dana ghalkemm dak hemm espost diga ghidtu fix-xhieda tieghi quddiem l-istess NAO.

Inselli Ghalik.

Dr. Michael Falzon, LL.d., ACIB, M.P.,
No. 2,
" Edera",
Triq iz-Zebbuga,
Iklin.

c.c. Awditur Generali

Illum, it-Tnejn, 7 ta' Marzu,

Tas-sena elfejn u sittax (7/3/2016 )

Jiena l' hawn taht iffirmat :--

l-Avukat Dottor Michael Falzon, iben il-mejjet Moses u Carmela nee Said, imwieled Pieta u residenti l-Iklin, ( Karta Tal-Identita Numru: 747161 ( M ), solennement niddikjara u bil-gurament tieghi nikkonferma, illi:

b' referenza ghall-affidavit tas-Sur Carmel Camilleri, qed nikkonferma dak illi hemm fl-imsemmi affidavit, u dana fis-sens, illi:

1. I l-fond fi Triq Zekka, huwa fil-fatt Palazz illi ilu jintuza mill-Gvern ghal numru twil ta'snin, sahansitra bhala skola, u attwalment qed jigi wzat minn ufficini tal-Gvern u coje mill-Building Industry Consultative Council; xahaga illi turi bic-car l-uzu pubbliku tal-fond in kwistjoni;
   Dana kontra ghal dak illi hemm fir-rapport tal-NAO, fejn jinghad illi ma' kienx hemm bizzejjed verifika dwar l- "public purpose ".

2. Illi kif jinghad fl-istess affidavit " .... Dawn it-tip ta' propjetajiet huma limitati ", u nzied ta' valur imprezzabbli, meta wiehed iqis illi qed nitkellmu fuq Palazz il-Belt, Valletta, ta' certu daqs u karatteristici storici u illi ghandu faccati fuq diversi toroq;

3. Illi bhala fatt kien hemm proceduri kontra l-Gvern sabiex jigi zgumbrat minn dan il-fond, xahaga illi zgur ma' kienitx desiderabbli, specjalment meta wiehed iqis l-ammont konsiderevoli ta' flus illi kienu ntefqu sabiex dan il-fond jigi renovvat,mhux biss matul is-snin, izda wkoll ricentement;

4. Illi kif jghid l-istess affidavit:-- a) l-Gvern bhala fatt ghandu bzonn ta' propjetajiet bhal dan il-palazz, b) il-fatt illi l-Gvern jakkwista parti minn dan il-fond kienet se ssahhah l-posizzjoni tal-Gvern versu l-proceduri li kellu ghal zgumbrament; u c ) ma' kien se jinholoq l-ebda precedent peress illi

7/3/16

kien hemm diga istanzi ohra fejn il-Gvern akkwista sehem indiviz fi propjeta ( Swieqi );

5. Illi kif jirrizulta mill-minuta tieghi annessa mal-imsemmi affidavit mmarkata bhala Dok "A", jiena dejjem insistejt illi ghandhom jigu segwiti l-proceduri u r-regoli stabbiliti, u coje, u nikkwota verbatim :- " Proceed to prepare the required valuation. Please follow stipulated policies and regulations "; ( minuta 119 )

6. L-istess Dok "A" jindika bl-aktar mod car u inekwivoku illi jiena, bhala Segretarju Parlamentari, meta ghamilt tali minuta, kont qed insegwi wkoll il-parir moghti lili mill-Government Property Division, fis-sens illi kif jinghad fil-minuta tal-istess dipartiment, u nikkwota verbatim ".... I think that in principle, it would be wise to consider this transaction ". ( minuta 118 ) Fl-ebda hin u fl-ebda mument ma' mort kontra l-pariri moghtija lilhi;

7. Kif jidher car l-ghazla tal-Perit Spiteri biex jaghmel l-valutazzjonijiet kollha; ghajr ghal wahda; ittiehdet mill-GPD u minghajr assolutament l-EBDA intervent minn naha tieghi, u dana ab bazi u nikkwota verbatim :- " .... Peress li l-perit Dr. Joseph Spiteri kien l-aktar perit li jgib l-istimi malajr, u peress illi l-perit Spiteri ghandu d-dottorat, jghallem l-Universita lill-istudenti kif isiru l-istimi u dejjem kien jaghtina stimi dettaljati .... "

8. Illi kif jghid l-istess affidavit, li stimi f' dan il-kaz dejjem jintalbu skond il-procedura tal-GPD. Inzied hawnhekk illi mhux talli QATT ma ndhalt fl-ghazla tal-Periti u fil-valutazzjonijiet, talli anzi kif jirizulta mill-affidavit tas-Sur Camilleri, dawn l-valutazzjonijiet dejjem intalbu skond il-proceduri stabbiliti tal-GPD; anzi inkompli nzid illi QATT ma' kkomunikajt mal-periti in kwistjoni, bl-ebda mod, la personalment, la b' telefon, la b' email --- assolutament XEJN. Hawnhekk ma' nistghax assolutament nifhem kif ir-rapport tal-NAO bl-ebda mod ma' jidhol fil-kwistjoni tal-valutazzjonijiet tal-Perit Spiteri, meta jekk f ' din li storja kollha jista' jkun hemm xahaga "hazina", allura se mai din ghandha tkun marbuta mal-valuri moghtija mill-Perit; xahaga illi r-rapport tal-NAO stranament u b' sorpriza inkredibbli jiskarta kwazi totalment.

7/3/16

9. Illi kif jidher car minn Dok "B" anness mal-imsemmi affidavit ( minuta 123 , il-parir moghti mill-GPD, ghall-ewwel tpartit kien jindika car illi dan kien jaqa fl-ambitu preskritt fil-Ligi, u nikkwota verbatim :--..... ..... This value falls within the legal limits ( l-ahhar zewg kelmiet mhux cari ) stipulated in Chapter 88 ..... "

10. Illi bhala fatt, fil-minuta segwenti tieghi naghmilha cara illi mhux talli ghandna nkunu certi illi dak li kellu jsir kellu jkun fil-parametri legali, anzi ghandu jigi zgurat illi l-flus illi johrog id-dipartiment, kellhom jinzammu fl-aktar livell baxx possibbli u nikkwota verbatim:- " ..... Provided that the said exchange falls within the appropriate legal paramaters please proceed accordingly. All taxes, stamp duty, etc., are to be deducted upfront thus ensuring that actual funds to be paid out are to be kept at the barest minimum "

11. Kif jirrizulta mill-istess affidavit, jiena fl-ebda mument, hin, jew okkazjoni ma' ghamilt l-ebda pressjoni fuq is-Sur Camilleri, la fuqu, u nkompli nzid fuq l-ebda ufficcjal iehor, la tal-GPD u lanqas tal-ebda dipartiment iehor, la b' rabta ma' dan il-kaz u ma' l-ebda kaz iehor.

12. Illi in kwantu ghal dan il-kaz innifsu, l-istess affidavit jghid car u nikkwota verbatim illi "..... hadd ma' ppressani biex nikteb dak li ktibt.... ".

13. Inzied u nikkonferma bl-aktar mod assolut u kategoriku, illi jiena qatt ma' kellimt lil hadd, jew b' xi mod indikajtlu x' ghandu jaghmel jew x' ghandu jinghad, la' ma dan il-kas, la mal-investigazzjoni tieghu u lanqas b' rabta mal-ebda kaz iehor;

14. Inzied ukoll, illi lanqas ma' tajt ebda struzjoni jew direzzjoni, jew ezercitajt xi forma ta' pressjoni biex dan isir minn haddiehor.

15. In kwantu ghat tieni tpartit, hemm ukoll jiena car fil-minuta tieghi, illi kont qed insegwi l-parir moghti lilhi ghall-ewwel transazzjoni fis-sens illi kif indikat lilhi din il-propjeta kienet taghmel sens li tigi akkwistata mill-Gvern, u kif ukoll illi l-valuri kellhom ikunu ragonevoli.

16. Inzied illi fl-ebda hin, jew mument, ma' kont b' xi mod parti minn negozjati, laqghat, etc., marbuta ma' dan il-kas, ma' tajt asolutament l-ebda struzzjoni biex dan il-kas jinghata xi trattament privileggjat, ma' ndhalt fl-ebda valutazzjoni, anzi ghall-kuntrarju dejem u f' kull hin dejjem insistejt illi ghandha tigi segwita l-ligi u l-proceduri u r-regoli stabbilliti.

7/3/16

Dikjarazzjoni kompluta bil-gurament illum minn Dr. Michael Falzon karta tal-identita numru 747161(M) quddiem Nutar u [illegible] l-[illegible] [illegible]

Nutar Dr CARMEL MANGION
7/3/2016